MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 27 – 4 Leġiżlatura**

**It-Tlieta 20 ta' Frar 2024**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28, Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Viċi President/Sindku | Dr Marija Sara Vella Gafa |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Qormi | Nutar Josef Masini Vento |
| Sindku Santa Lućija | Kapt. Charmaine St John |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Żejtun | Is-Sinjura Doris Abela |
| Kunsillier Luqa | Is-Sinjura Maria Magri |
| Kunsillier Ħamrun | Is-Sur Antione Vassallo |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kienx hemm Sindki assenti

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**27.1** **Qari tal-Ittri ta' Apoloġija;**

27.1.1 Il-President informa li Kunsill ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**27.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

27.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' sebgħa u għoxrin (27) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

27.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-Kunsillier Charlo Mifsud u s-sekondat mis-Sindku Steven Grech ,il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

27.2.3 **Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**Valutazzjoni ta' l-Impatt Soċjali -Residenti Barranin**

Il-President fakkar li il-konferenza dwar ir-rapport ta' Valutazzjoni Impatt Soċjali ser issir f'29 ta' Frar 2024 9.30am sa 12.00pm fil -Università il-Qadima il-Belt. Din il-konferenza ser issir b'kollaborazzjoni ma l-Università ta' Malta. Huwa ħeġġeġ lis-Sindki u lil Kunsilliera sabiex jattendu u jsegwu l-esodu ta' din ir-riċerka għaliex hija għodda sabiex il-kunsilli ikunu jista' jippjana ħidmithom.

**Sejħa Espressjoni ta' interess -disinji ta' logo fuq tema saħħa tajba u l-benesseri**

Il-President informa li l-sejħa espressjoni b'rabta ma disinn ta' logo kienet għalqet u sa data ta' l-għeluq kienet waslet sottomessjoni waħda. Inħatar bord intern kompost min l-istaff ta' Reġjun fejn evalwa id-dokumenti u disinn. Ġie konkluż li għalkemm id-dokumenti kienu jikkorrispondu ma talba, id-disinn ma kienx jilħaq il-livell mistenni għalhekk il-bord irrakkomanda li sottomissjoni ma kellhiex tkun approvata. Wara diskussjoni interna ġie propost li id-disinn issir b'sehem ta' l-istaff ta' Reġjun fejn kullħadd intalab jagħti l-ideja tiegħu. Kif jinġabru dawn l-idejat ser tinħoloq logo fuq tema saħħa tajba u l-benesseri.

Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**Attività ta' b'rabta ma l-għeluq ta' skema Art for Elderly**

Il-President informa li l-attività b'rabta ma l-iskema Art for Elderly li Kunsill Reġjonali kien wettaq flimkien ma Dipartiment responsabbli min Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità saret u kien hemm attendenza tajba mill-pubbliku. Ir-Reġjun kien rappreżentat mill Viċi President Dr Maria Sara Vella Gafa u Segretarju Eżekuttiv Mariella

Strout. Din l-attività ġiet indirizzata min Ministru Ono. Owen Bonnici, Segretarju Parl. Alison Zerafa Civelli, Segretarju Parl. għal kura ta' l-anzjani Dr Malcolm Paul Agius. Preżenti kien hemm Kunsillier Charlo Mifsud, Direttur Ġenerali Sur Emil Vassallo u Direttur Marisa Pisani u CEO Dr Renzo De Gabriele, Project Maniġer Matthew Mallia. L-attività kienet preżentata min Maniġer Tiffany Abela għal Reġjun u Maniġer Cynthia Formosa għal Anzjanità Attiva.

**Cir AKL 2024/007 u Cir AKL 2024/008 Poloz tal-Assigurazzjoni**

Il-President informa li żewġ -poloz ta' assigurazzjoni li jkopru l- aċċidenti personali u flus kontanti/ ċekkijiet tal-Kunsilli Reġjonali u ta' l-Kunsilli ġew imġedda.

**27.3 Komunikazzjoni mill-President;**

**27.3.1 Laqgħa ma Sinjura Remenda Grech mid-Direttorat għal Kura Alternattiva**

Il-President informa li kienet saret laqgħa ma Sa Remenda Grech u uffiċjali mill Community Policing. Is-Sinjura Grech spjegat id-Direttorat għal Kura Alternattiva kienet qed taħdem fuq programm flimkien ma l-Community Policing immirat sabiex jintlaħqu żagħżagħ li ikun qed jaqbdu vizzji li ma huwiex ta' ġid għalihom. Il-mod proġettat sabiex tintlaħaq dan l-għan huwa li jiġu nnotati postijiet fejn jiffrekwenta iż-żagħżagħ bħal playing fields etc u jiġi stabbiliet diskussjoni ma dawn il-gruppi b'hekk persuni li jkunu ser jaqbdu triq ħażina jiġu milħuqa min qabel. Is-Sindku ta' B'Bugeja semma li dan il programm diġà qed jiġi implementati f' Birzebbugia u qed ikun ta' suċċess fost il-ġenerazzjoni żagħżagħ. Il=President tenna li Sinjura Grech kienet qed titlob l-għajnuna tal-Kunsilli sabiex jiġu identifikati zoni fejn jiffrekwenta iż-żagħżagħ li huma meqjusa bħala *problem areas.* Il- membri qablu li ser jikkooperaw fl-Inizjattiva

**27.4 Item: Kollaborazzjoni ma' Esplora- Pjan ta' attivitajiet**

Il-President informa li Segretarju Eżekuttiv u Maniġer tal-Kultura kien għamlu laqgħa ma diretturi ta' l-Esplora fejn ġie diskuss programm ta' attivitajiet li jista' jiġi segwit kemm bħala Reġjun kif ukoll il-Kunsilli Lokali individwalment. Huwa stieden li Segretarju sabiex tagħmel preżentazzjoni ta' diversi attivitajiet li kien qed jipproponu L-Esplora u oħrajn li kienu pproponiet mir-Reġjun. Is-Segretarju spjegat il intlaħaq ftehim sabiex gruppi li jattendu mill Kunsilli ta' Reġjun ser ikollhom prezz ridott. Hemm proposti għal ħarifa issiru attivitajiet fl-lokalitajiet. Dan il -programm kien ser jintbagħat lil Kunsill Lokali.

**27.5 Item: Skemi għall-Kunsilli Lokali 2024**

Il-President qal li dan l-aħħar ġranet kienu tnedhu diversi skemi mid-Direttorat ta' l-istrateġija u l-implementazzjoni. F'sfond ta' dan l-uffiċċjali Maniġerjali kienu pprepara diversi proposti għalfejn jista' jiġu applikati dawn l-iskemi. Il-President stieden lil Maniġer Ambjent sabiex jippreżenta dawn il-proposti. Huwa ta' ppreżenta ukoll mobile app sabiex tintuża għal rapporti ta' l-iskart. Din l-app ser tagħmel operat iktar effiċjenti u effettivi fejn tidħol il-kommunikazzjoni bejn l-stakeholders, ir-Reġjun, il-kunsill u il-kuntrattur. Il -membri qablu ma l-inizjattiva

**27.6 Skeda ta' Pagamenti;**

27.6.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 02/24A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

27.6.2 Wara mozzjoni mressqa min Kunsillier Charlo Mifsud u sekondat Sindku Steven Grech il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**Rapporti**

**27.7.1 Rapport Finanzjarju QR4**

Il-President ressaq ir -rapport tal-aħħar kwart tas-sena li għada kif intemmet. Hu talab lil accountant Sur Kevin Inkorvaja jagħti spjega tiegħu. u talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti. 14.8.4 Il-Membri preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu

**27.7.2 Rapport Finanzjarju sena 2023 ( mhux awditjat)**

President ressaq il-Financial Statements għas-sena 2023 li ġew iċċirkolati minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Hu stieden lill-accountant tal-Kunsill Reġjonali biex jingħaqad magħhom u jagħti spjegazzjoni tar-rapporti tal-għeluq tas-sena finanzjarja 2023.

L-accountant tal-Kunsill Reġjonali s-Sur Kevin Inkorvaja ta' spjega dettaljata tar-rapporti finanzjarji. Fuq mozzjoni mressqa minn Dr Marija Sara Vella u ssekondata mil-Kunsillier Charlo Mifsud, il-Membri preżenti unanimament approvaw il-Financial Statements (mhux awditjati) 2023

**27.7.3 Pjan ta' Ħidma 2024-2028**

Il-President ressaq id-dokument tal-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill Reġjonali għall-erbgħa snin li ġejjin 2024-2028. Hu qal li ġiet analizzata s-sitwazzjoni u ġew spjegati l-istrateġiji li ser jkunu qed jittieħdu biex jintlaħqu l-għanijiet u r-riżultati mixtieqa kemm dawk fi żmien qasir kif ukoll oħrajn fi żmien itwal. Il-President spjega t-tbassir finanzjarju u l-iżvilupp kapitali li hemm ippjanat għall-erbgħa snin li ġejjin.

**27.8 Affarijiet Oħra**

27.8.1 Il-President informa li Sa Mariella Strout kienet qed tinforma li issottomettiet l-ittra ta' riżenja min maniġer ta' EU Funds u Skemi, peress li issa kienet qed tokkupa il-rwol ta' Segretarju Eżekuttiv ta' Reġjun Nofsinhar

**27.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

27.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.00 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu 2024 fil-5.30 pm.

Konfermati llum 26 ta' Marzu 2024____________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv